MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Numru. 933/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt. Raymond D'Anastas)**

**v**

**Carmel Mifsud ta' 49 sena bin il-mejjet Joseph u Maria nee Debono, imwieled Qormi nhar it-28 ta' Settembru, 1953 u residenti f'numru 53, Dar il-Fjuri, Tal-Hlas, Qormi, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 700653 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Mifsud li gie akkuzat talli:

Fis-Siggiewi fid-9 ta' Novembru, 2002 ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija, fil-fond Entratura H, fi Triq Dun Anton Vella, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo Pintly u Richard Mifsud f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi spara tir ta' senter fid-direzzjoni ta' l-imsemmija persuni, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok  cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' Carmelo Pintly u Raymond Mifsud kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar (senter) u dan bi ksur ta' l-artikolu 26(a)(b) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, fis-Siggiewi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, garr arma tan-nar (senter) u munizzjoni, u talli kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew f'idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikoli 3 (1)(1A) tal-kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heded fomm lill-imsemmi Joseph Farrugia b'delitt, liema theddid sar b'ordni jew kundizzjonijiet.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Twanny Bonavia, kif gie ccertifikat minn Dr Anthony Gatt ta' l-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi spara arma tan-nar (senter) waqt li kien f'inqas minn 200 metru boghod minn belt jew rahal, jew f'postijiet ohra abitati, jew inqas minn 50 metru minn toroq principali u arterji, u dan bi ksur ta' AL 146/93 art 9(4).

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata f'post fejn il-kacca mhux permess u dan bi ksur ta' AL 146/93 art 8.

Rat l-artikoli (fol 197) mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li jinsabu htija u cioe:

(a) l-artikoli 41, 214 u 218 tal-Kodici Kriminali
(b) l –artikoli 26 tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta
(c) l-artikoli 3(1) u 3(1A) tal-Kapitlu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta
(d) l-artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali
(e) l-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali
(f) fir-regolament 9(4) ta’ l-Avviz Legali 146 tal-1993
(g) fir-regolament 8 ta’ l-Avviz Legali 146 tal-1993
(h) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 98).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza ghandha bhala mertu u bazi ta’ l-akkuzi taghha sparatura li l-akkuzat spara wara glieda li saret bejn huh u gar tieghu.

Irrizulta fil-fatt li l-akkuzat mar izur lil huh li joqghod go block ta’ flats tal-ferut Carmelo Pintley. Gia kien hemm kwisjonijiet bejn Pintley u l-familja ta’ hu l-akkuzat minhabba l-inbih tal-klieb tal-familja ta’ Mifsud. Fil-fatt f’din il-gurnata l-klieb ta’ Mifsud. Fil-fatt f’din il-gurnata il-klieb ta’ Mifsud bdew jinbhu, qajmu lit-tarbija neputi ta’ Pintley, dana hareg isikket lill-klieb u kellem lil mart il-gar Mifsud li kienet qed titkellem ma’ l-akkuzat fit-triq barra. Kien hawn li nqalgha xi diskors bejn Catherine Mifsud u Carmelo Pintley. Pintley fil-fatt tefgha bott sealer lejn Catherine Mifsud. Hawn indahal anke l-akkuzat allura haten Catherine Mifsud. Inqalgha litigju verbali bejn Pintley u l-akkuzat tant li dawn spiccaw gew fl-idejn. Sadanittant lahqu fuq il-post girien li assistew ghall-glied. Assistenti lil Pintley kien hemm ukoll zewg bintu Richard Mifsud. Fil-bini ta’ din il-glied bl-idejn fejn allura anke dahlu t-terzi jferrqu f’hin minnhom, l-akkuzat avvicina l-

vettura tieghu, minnha hareg senter u spara lejn l-entratura ta' komun tal-flats fejn joqghodu Pintley u hu l-istess akkuzat.

Ikkonsidrat

Illi l-akkuzi principali addebitati certament gew imnaqqsa minn dak ta' attentat ta' omicidju ghal dawk ta' attentat ta' ferita gravi. Fi kwalunkwe kaz din l-akkuza hekk redatta bhal dik originali tiddependi biex tissustixxi fuq dik li kienet l-intenzjoni ta' l-akkuzat meta spara, cioe l-isparatura stabbilita (l-actus reus) ghandu jigi nvestigat il-mens rea ta' Carmel Mifsud.

Carmel Mifsud l-akkuzat ghazel li jirrilaxxa stqarrija, fiha qal is-segwenti. Jirrakonta li hu kien ra lill-gar ta' huh iwaddab xihaga mill-gallarija lejn il-mara ta' huh li kienet qed tkellmu hdejn il-van. Kien hawn li hu u dan il-gar bdew jitghajru. Jammetti li stiednu ghall-glied, anzi li qallu biex jinzel (mill-gallerija ) ghax kien jaf li kien ilu jaqbad ma' huh fuq il-kelb. Jghid li kienu rrabjati ghax huh ma tantx jiflah. Dan il-gar (Pintley) ghalina fil-fatt nizel u spiccaw gew fl-idejn. Hawn gew fl-idejn. Jghid ukoll li Pintley kellu xi nies jaqbzu ghalih. Jghid ukoll illi martu ghax marret tferraqhom spiccat ma' l-art. X'hin ra hekk hu mar lejn il-van tieghu u minn gol-gabina hareg is-senter. Is-senter kien fil-pocket. Mexa bih lejn id-direzzjoni tal-bieb tal-block tal-flats fejn joqghod huh. Jaf li fis-senter kellu erbat iskratac. Jaf li kif kien hdejn il-bieb tal-block tal-flats gew nies jghidulu "x'se jaghmel". Jaf li hu spara lejn il-bieb tal-block tal-flats u li laqat il-hajt. Jghid hekk "… dak il-hin li sparajt il-bieb tal-block tal-flats kien miftuh pero' dak ir-ragel li kellu xi nghid mieghu ma kienx fejn il-bieb. Wara li sparajt dak it-tir jiena qbadt is-senter u tfajtu fil-van u jiena u l-mara tieghi morna lejn id-dar". (fol 30). Jghid ukoll "Il-lejla zbaljat. Pero' jiena sparajt biex inbezza nies u mhux biex noqtol". Izid li meta huwa spara fil-bieb ma kien hemm hadd u lanqas ma setgha jara lil xihadd fuq il-kuritur fuq gewwa. Baqgha nsistenti li hu qatt me kellu intenzjoni li joqtol imma biss li jbezzgha lin-nies. Fl-ahhar ta' l-istqarrija Mifsud stqarr li ddispjacih ta' dak li gara.

Jirrizulta mill-atti processwali li kien hemm diversi xhieda okulari ta' l-incident in dizamina.

Carmelo Pintley jikkonferma l-incident in kwantu jghid li kien qed ibajjad kellu t-tifel tat-tifla rieqed u l-inbih tal-klieb tal-gar qajmu lill-istess tifel. Jghid li waddab is-sealer mill-gallarija lejn mart hu l-akkuzat ghax din dwar il-klieb qaltlu biex ma jindahax. Jghid li Carmel Mifsud iccalingjah biex jinzel minn fuq, cioe ghall-glied. Ix-xhud hekk ghamel u hawn Pintley u l-akkuzat gew fl-idejn. Isemmi dan ix-xhud li nizel ukoll l-gharus ta' bintu, li kien hemm persuna certu Bonavia li beda jferraqhom. Izid li f'hin minnhom dan Mifsud mar lejn il-bieba tal-van, semgha wahda tghajjat li se jgib senter. Ix-xhud jghid li f'dan l-istadju qabad u resaq lura, dahal gewwa. Jghid li mbaghad Mifsud spara lejn id-direzzjoni tieghu u ta' l-gharusa tat-tifel Richard Mifsud.

Dwar it-tir jghid li mbaghad l-akkuzat spara lejn id-direzzjoni tieghu u ta' Richard Mifsud. Jghid ukoll li huma ma ntlaqtux mit-tir.

Min-naha tieghu Richard Mifsud jghid li hu kien qed ibajjad ma' missier l-gharusa u ibnu ta' sebgha xhur minhabba l-inbih tal-klieb qam jibki qalbu maqsuma. Mifsud hareg fil-gallerija biex jghidilhom biex isikktu l-klieb u semgha lil Carmen tghid li ma jindahalx. Ra lil Carmen hdejn xihadd li kien go van. Minn go dan il-van hareg ragel li beda jiccalingja lil Carmel ghall-glied. Meta nizel isfel sab lil Eugenio u lil ibnu jiggieldu ma' Carmel. Ra anke lil Eugenio jaghti b'xi injama lil dana Carmel. Jghid li ra lil dan ir-ragel jersaq lura lejn il-van, jiftah il-bieba u johrog senter. Jghid li hawn hu u Carmel dahlu l-gewwa sa nofs il-kuritur bejn it-tarag u l-bieb hawn instemgha tir fid-direzzjoni tal-kaxxa tal-bieb. Jghid ukoll li Mifsud spara t-tir minn fejn fetah il-bieba u hareg is-senter – ghalhekk kien mid-direzzjoni stess li spara lejhom (fol 126).

Anna Grech tghid li rat lil Nenu, lill-akkuzat u lil huh Genio jiggieldu hdejn il-bieb tal-flats. Tghid li semghet lil Nenu

(ghalina Pintley) jghid li bil-klieb ma setghax jorqod u f'daqqa wahda l-akkuzat li kien fl-intrata sparixxa u mar gab senter u spara. Fil-fatt ratu fl-intrata mbaghad rat li sparixxa, rat li reggha lura u spara minn quddiem il-flat lejn l-intrata tal-flat ta' Nenu. Tghid li l-akkuzat spara ghal gol-intrata, ghal gewwa (fol 97). Tghid imbaghad li certu Twanny Bonavia u r-ragel taghha Gaetano Grech hatfulu s-senter. Gejtu Grech fil-fatt jghid li fuq suggeriment ta' martu mar iferraq lil certu Nenu (Pintley) minn ma' ragel iehor li kien bil-van, fl-argument kien involut cert Genju, wkoll gar. Ra lir-ragel li kien bil-van jispara, lejn il-veranda ta' fejn joqghod Pintley. Jghid li hu u certu wiehed Bonavia qabdulu s-senter.

Twanny Bonavia jghid li hu ghandu hanut fil-vicinanzi fil-fatt fejn gara l-kaz. Qal li semgha lil Carmen, li l-mara ta' Genju tghajjat. Jghid li ra lil tal-van (allura l-akkuzat) u lil Pintley imgazzin (fol 64). Jghid li fil-fatt Pintley gieli kien ilmenta mieghu dwar l-istorbju tal-klieb ta' Genju. Jghid ukoll illi din Carmen kif rat lil tal-van bdiet taghmel l-arja. Jghid li hu ferraq lil Pintely u lil tal-van. Kien hawn li nizel Genju bl-injama. Genju huwa r-ragel ta' Carmen. Genju beda jaghti lil Pintley. Jghid li mbaghad qabdu gegwigija go xulxin. Xehed illi l-akkuzat imbaghad mar hdejn il-van, hareg is-senter, dawwar is-senter u spara fid-direzzjoni tal-bieb tal-flat fejn kien hemm l-istess xhud Pintley, gharus tat-tifla ta' Pintley (Richard Mifsud). Jghid li fil-fatt l-akkuzat wara li marru hadulu s-senter, pogga l-istess senter gol-van.

Bonavia spicca weggha bil-mod hafif fil-kustilja (vide Dok AB) fol 32. Pero' aktar tard fil-mori tal-kawza huwa rrinunzja ghal azzjoni kriminali kontra l-akkuzat in kwantu ghall-griehi hfief minnu sofferti (vide fol 102A – 102B).

Illi pertinenti anke li biex tissolva l-kwistjoni ta' l-intenzjoni ta' l-akkuzat x'hin spara illi tinghata harsa lejn ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina. Hawn gie stabbilit illi fil-passagg li hemm qabel ma tidhol fil-bieb komuni tal-block tal-flats liema passagg din il-Qorti se tirreferi ghalih ghal parapett hemm mal-hajt immarkat fil-pjanta ta' Perit Aquilina b'ittra A (vide fol 168 Dok AA) "pattern ta' tir ta'

senter b'centru ta' zewg metri u ghoxrin centimetru (2.20m) mill-art u b'dijametru ta' sitt centimetru (6cm) u jiftah ghal ghaxar centimetri (10cm). Fir-relazzjoni tal-esperti ballistici insibu li l-gholi jvarja b'hames centimetri, allura 2.25 m (vide relazzjoni Dok MC fol 151).

Harsa lejn il-pjanta tal-perit (vide skala ta' l-istess) u dak ikkalkulat mill-esperti ballistici, wiehed jikkonkludi illi Mifsud l-akkuzat spara minn distanza ta' mhux izjed minn hames metri u nofs lejn il-hajt milqut.

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta illi Mifsud l-akkuzat huh Genio, Genio (abitanti fil-blokk tal-flats) kellhom x'jghidu ma' Carmen Pintley, zewgha Carmelo u Richard Mifsud, l-gharus ta' binthom. Jirrizulta illi fil-glieda Genio beda jaghti lil Pintley b'zokk ta' xkupa. Jirrizulta illi din il-glieda sehhet fl-entratura tal-blokk tal-flats.

Jirrizulta wkoll illi f'xi hin mar gol-van tieghu, pparkjat vicin l-entratura, hareg senter immira u spara lejn l-entratura. Fl-entratura dak ilhin kien hemm Pintley Carmelo, Richard Mifsud u Anthony Bonavia.

Senjalament kull xhud okulari li ra l-isparatura kien kategoriku dwar il-fatt li l-akkuzat spara lejn l-entratura, fatt dan konstatat mal-lok fejn instab it-tir sparat.

Kemm Bonavia, kif ukoll Pintley u Mifsud kienu fermi dwar il-fatt illi l-akkuzat spara lejn id-direzzjoni taghhom. Tant li Pintley, anke jekk fix-xhieda tieghu mhux dejjem koerenti, jghid li hu ra d-dahna tat-tir (fol 52). Min-naha l-ohra Richard Mifsud jiddeskrivi kif hu meta ra lill-akkuzat b'senter f'idu baqgha ccassat jghid hekk: "…. Bqajt inhares lejn dan il-bniedem ghax qatt ma kont nobsor li ser nidhol f'bicca nkwiet jien u f'hin minnhom lil …. U lil Gejtu jghidu lil dan ir-ragel biex ma jisparax fid-direzzjoni taghna. Jien sa frattant ghall-bidu ccassajt u domt ftit hekk inhares lejn u ma kontx naf x'ser naqbad naghmel kif jien u Carmel ghamilna zewg passi lura, dhalna mill-bieb il-gewwa, qisu sa nofs il-kuritur, bejn it-tarag u l-bieb

instemgha tir li kien fid-direzzjoni tal-koxxa tal-bieb”. (fol 122-123).

Illi kif gie premess l-iskuza li l-akkuzat gab in difiza kienet li hu certament ma ried joqtol lil hadd, la ried iweggha lil hadd pero’ spara ghax ried biss ibezzgha. Pero’ l-Qorti baqghet ma fehmitx lil min ried ibezzgha l-akkuzat. Certament Pintley ghamel ferm hazin li gara bott sealer lill-mara ta’ Mifsud Genio, pero’ anke jekk wara gew fl-idejn ma jidhirx li kien hemm xi fattur ta’ bizgha, li huwa cert li kien hemm element qawwi ta’ injoranza u cercerizmu, pero’ bizgha!! Ikompli l-Qorti illi jekk l-intenzjoni ta’ l-akkuzat kien biss li jbezzgha allura jispara tir ta’ senter pjuttost mill-vicin, tenut kont anke ta’ kemm lahaq fetah jew ahjar ma fetahx it-tir, lejn direzzjoni ta’ tlieta min-nies – altro che ried ibezzaghhom. Taqbel il-Qorti mal-Prosekuzzjoni li fil-fatt l-akkuzat gietu sew li ma weggha lil hadd. Xejn fil-fatt ma taqbel mat-tezi tad-Difiza illi ghax il-ghoti tat-tir sparat mill-akkuzat huwa ta’ zewg metri u hamsa u ghoxrin centimetre allura Mifsud ma kellux intenzjoni li jweggha lil xihadd. Tenut kont tal-vicinanza ta’ tliet min-nies go l-entratura komuni tal-blokk tal-flats, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-intenzjoni ta’ Carmel Mifsud tmur oltre l-intenzjoni li jbezzgha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lil Carmel Mifsud hati taht l-artikoli 41, 214, 218 tal-Kapitlu 9.

Rat l-artikoli 26 tal-Kapitlu 66 (ghax ma ngabet ebda prova a kuntrarju tal-prezunzjoni hawn stipulata).

Rat ukoll l-Avviz Legali 146/1993, l-artikolu 8 u 25 tal-istess.

Rat ukoll l-artikolu 23 u 30 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat l-artikolu 28A u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin.

Tordna l-konfiska tas-senter u l-munizzjoni ga esebiti.

Tiskwlifika lil Carmel Mifsud milli jkollu jew izomm licenzji dwar zamma u garr ta’ armi u munizzjoni ghal sena mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------